# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta ta' nhar il-Hamis erbghatax (14) ta' Lulju 2016**

**Rikors Numru 223/15 FDP**

**Catermax Limited**
**(C 50842)**

**vs**

**Giuseppe Samir Armani maghruf bhala Joseph Armani**
**(ID 248895M)**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar is-27 ta' Lulju 2015 fejn is-socjeta attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallashom s-somma ta' erbat elef, disgha mija u tmenin Euro (€4,980) rappresentanti l-organizazzjoni u riceviment tat-tieg tal-konvenut illi gie organizat f'ismu u ordnat minnu stess fil 11 ta' Mejju 2013.

Bl-ispejjes, inkluz ta' l-Ittra Ufficjali 400/15 u bl-imghax mid-data tal-Ittra sad-data tal-pagament effettiv.

Rat illi l-avviz ghas-smigh tal kawza u l-Avviz propjru gew notifikati lill-intimat fl-1 ta' Awissu 2015 (fol 6).

Rat illi fil 15 ta' Ottubru 2016 s-socjeta rikorrenti ippresentat kapitolu fil-konfront ta' l-intimat.

Rat illi fit 13 ta' Novembru 2015 is-socjeta rikorrenti ippresentat ftehim illi sar bejn is-socjeta rikorrenti u l-intimat ghall-hlas tal-ammont miltub fil-kawza odjerna.

Rat illi fid 19 ta' Novembru 2015 il-partijiet talbu differiment sabiex isir il-hlas kollu.

Rat illi, wara tlett seduti, fl-4 ta' Lulju 2016 il-Qorti giet infurmata mis-socjeta rikorrenti illi l-intimat kien hallas pati biss mill-ammont dovut izda kien naqas milli jhallas il-bilanc.

Rat illi fl-4 ta' Lulju 2016 is-socjeta rikorrenti ppresentat nota ta' riduzzjoni illif iha rriducja t-talba tal-kawza odjerna ghall-ammont ta' elfejn disgha mija u tmenin Euro (€2,980)

Rat illi fl-4 ta' Lulju 2016 is-socjeta rikorrenti regghet ippresentat kapitolu fil-konfront ta' l-intimat ghas-somma kif ridotta.

Rat illi fis-seduta ta' llum, il-konvenut gie imsejjah izda ma deherx biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni u ghalhekk dawn gew kkunsidrati bhala ammessi.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur ta' l-atturi jghid li t-talba attrici ghadha dovuta issib li t-talba tas-socjeta rikorrenti kif mitluba tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici w tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur s-somma ta' elfejn disgha mija u tmenin Euro (€2,980) rappresentanti l-bilanc ta' prezz l-organizazzjoni u riceviment tat-tieg tal-konvenut illi gie organizat f'ismu u ordnat minnu stess fil 11 ta' Mejju 2013.**

**Spejjez kif indikati fl-avviz u Imghax legali mid-data tal-prezentata tal-kawza odjerna sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut.**

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Magistrat**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**